**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 20 ta' Frar 2024**

Rikors Numru: 638/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1495/2020)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors ġuramentat tar-rikorrenti li permezz tieghu esponiet:

1) Illi l-kontendenti izzewgu f'Malta fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Gunju tas-sena elfejn u dsatax (2019) (Dok. A) u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

2) Illi huma sseparaw permezz ta' kuntratt ta' seprazzjoni ppubblikat nhar it-2 ta’ Awwissu 2023 fl-atti tan-nutar Francesca Cachia Zammit (DOK B);

3) Illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien mill-istess kuntratt ta’ separazzjoni

4) Illi m’hemmx manteniment dovut bejn il-partijiet.

5) Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;

6) Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta huma sodisfatti u in vista tal-fatt illi l-konjugi huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni, m' huwiex mehtieg illi ssir medjazzjoni bejniethom;

7) Illi l-esponenti qieghda tannetti ma’ dan l-att l-affidavit taghha (Dok. C)

Talab lill-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:

1. A tenur tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16, dina l-Qorti jogħġobha, previa s-smiegħ tal-partijiet kif maħsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex tiġi stabbilita l-esistenza ta’ dawk il-kondizzjonijiet maħsuba fl-imsemmi Artikolu 66B, tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif maħsub fl-imsemmi Artikolu 66C.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha jiddikjara li ma jopponiex ghat-talba tar-rikorrenti ghad-dikjarazzjoni tad-divorzju bejn il-kontendenti.

Il-kap tal-ispejjez ghandu jiġi soffert unikament mir-rikorrent.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Jannar 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Awwissu 2023 u ilhom de facto separati wkoll mill-istess kuntratt ta' separazzjoni;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.